**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernardette Valletta)**

**vs**

**Joseph Casha**

**Kumpilazzjoni 254/2019**

**Illum 16 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Casha detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 511774(M) billi inti akkuzat talli nhar l-26 ta' April 2019 ghal-habta tal-17:00 hrs u fi snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer ghamel diversi atti , wkoll jekk fi zminijiet differnti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, waqt li kien fil-fond San Alessio BlK A4, Flat 13, Triq Censu Farrugia, Msida :

1. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil ommu Josephine Casha mill-Imsida, biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghhau dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin post u bl-istess cirkostanza uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika, u jew sforza, sabiex gieghel lil ommu Josephine Casha mill-Imsida, halla ssir jew naqas milli ghamel, xi haga sabiex naqas l-abiltajiet jew izola jew illimita l-access ghal-flus u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, post u bl-istess cirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ommu Josephine Casha mill-Imsida, mobbli jew immobbli liema l-ammont ma jeccedix il-mitejn u hamsin ewro (€250) u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, post u bl-istess cirkostanzi ingurja jew hedded lil ommu Josephine Casha milli-Imsida u dan bi ksur tal-artikoli 339 (1) (e), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, post u bl-istess cirkostanzi hebb kontra ommu Josephine Casha mill-Imsida, sabiex ingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor u dan bi ksur tal-Artikoli 339 (1) (d), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, post u bl-istess cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis (grass) kollha jew bicca minnha u dan bi ksur ta' l-artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Illi f'din il-kawza il-Qorti hija sprovvista minn xi xhud okulari tal-allegat incident. L-allegat vittma omm l-imputat ddikjarat li tigi omm l-imputat, hafritlu u ghalhekk talbet li tigi ezentata milli tixhed. Il-Qorti laqghet it-talba taghha. Id-dokumenti l-ohra esebiti huma kollha xhieda fuq dak li gie rapportat lilhom.

L-artikolu 633.(1) jiddisponi s-segwenti:-

> *"Ebda eċċezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tingħata minħabba li hu jkun il-parti li għamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proċeduri, inkella minħabba li x-xhud ikun jiġi mid-demm jew imħallat bi żwieġ, jew minħabba li jkollu kuntratt, impieg, jew interess ieħor mal-parti hawn fuq imsemmija, jew mal-imputat jew akkużat; imma f'kull każ bħal dan, ix-xhud jiġi mismugħ, u mingħandu jiġġudika l-fatti, meta jkun għal kollox persważ u konvint lix-xiehda hija vera, għandu jipproċedi fuq dik ix-xhieda bl-istess mod sħiħ u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti ġew ippruvati minn persuna barranija jew minn wieħed li m'għandu xejn x'jaqsam kif jingħad hawn fuq;*
>
> *(2) Madankollu, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti, li tieħu qies tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra s-sieħeb tiegħu jew tagħha f'unjoni ċivili jew kontra l-koabitant tiegħu jew tagħha, kontra axxendent jew dixxendent, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-nepputi, u ta' ċirkostanzi partikulari oħra tal-każ, biex ma ġġiegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma*

*jixhedx kontra persuna li tiġi minnu f'xi wieħed jew ieħor mill-gradi hawn fuq imsemmija."*

Hu a bazi ta' dan is-sub-artikolu (2) li l-allegata vittma giet ezentata milli taghti x-xhieda taghha.

L-Artikolu 543 jgħid hekk:

*Il-Pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*'(e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:*

*Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika:*

*"Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-Qorti bis-saħħa ta' dan l-Artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-Qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-Qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartament tal-każ".*

Fl-aħħarnett il-frażi 'vjolenza domestika'

> *'tfisser kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull omissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali fuq ħaddieħor.'*

**Ikkunsidrat;**

Illi ghalhekk ghajr ghal xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija li tikkostitwixxi biss hearsay u ghaldaqsant hija inammissibbli ai termini tal-Artikolu 598 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kif rez applikabbli bl-Artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali dan il-process hu senjalat minn nuqqas ta' evidenza li tista' b'xi mod tissostanzja l-akkuza dedotta kontra l-imputat;

Illi l-Professor A.J. Mamo fil-Notes on Criminal Procedure, Vth Year jghallem kif gej:

> *"There are many reasons assigned for rejecting hearsay, the two principal being first, that the person originally stating the facts does not state them on oath, and secondly, that the person against whom the evidence is offered had not the opportunity of cross-examining that other person as to his recollection, vercity or means of knowledge. .....*
>
> *In **Fitzgerald vs Fitzgerald** (1863) it was stated that the foundation of the admissibility of any evidence is that it should be on oath, and that the*

*party against whom it is tendered should have had a reasonable opportunity of cross-examination."*

Ghal dawn il-motivi, in vista tal-mankanza assoluta ta' provi, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati tal-akkuza tal-ewwel hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe htija u piena.

Fuq ammissjoni tal-imputat ghas-sitt (6) imputazzjoni u dan wara li l-Qorti taghtu zmien biex jirrifletti fuq din id-decizjoni u wara li kkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu, qieghed jinstab hati taghha u wara li rat l-Artikolu 4 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija) Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tikkundannah hamsa u sebghin ewro (€75) penali.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**